MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 26/2003

**Georgette mart Francis Gatt .**

VS

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet :**

**Illi hija twieldet f'Victoria, Ghawdex fl-erbatax (14) ta' Jannar elf disa' mija tnejn u hamsin (1952) u l-att tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv tnejn u hamsin tas-sena elf disa' mija tnejn u hamsin (52/1952)(Dok 'A') ;**

**Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attrici gie imnizzel bhala 'Giorgette' u dan nonostante illi l-genituri taghha riedu li isem l-attrici ikun 'Georgette' ;**

**Illi di piu' l-attrici dejjem tikteb isimha bhala "Georgette" u fil-fatt l-isem fil-karta ta' l-identita' taghha jidher ukoll bhala "Georgette" mentri fil-fatt fic-certifikat tat-twelid l-isem tnizzel bhala 'Giorgette' .**

**Talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:**

**1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru tnejn u hamsin tas-sena elf disa' mija tnejn u hamsin (52/1952) billi fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-isem "Giorgette" jigi sostitwit bl-isem "Georgette" .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici minnha kkonfermata bil-gurament .**

**Rat ukoll id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' d-dokument 'A' kopja tac-certifikat tat-twelid numru tnejn u hamsin tas-sena elf disa' mija tnejn u hamsin (52/1952), u bhala dokument 'B' kopja tal-karta ta' l-Identita' ta' l-attrici .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u li biha eccepixxa :**

**1. Illi huwa ma hux edott mill-fatti tal-kaz u ghal hekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti ikunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi. Illi dokument illi jrid jigi prodott hu c-certifikat tal-maghmudija tal-attrici halli tkun tista' tohrog l-intenzjoni tal-genituri ;**
**2. Illi ghaldaqstant, l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti interament mill-attrici u f'kull kaz id-direttur ma ghandux ibati spejjez .**
**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess direttur tar-registru pubbliku ikkonfermata bil-gurament ta' Dr. Marlin Vella .**

**Semghet lill-attrici fl-udjenza tal-lum tispjega f'hiex jikkonsisti l-izball fl-att tat-twelid taghha, mertu ta' din il-kawza .**

**Il-Qorti, peress illi jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikati, tilqa' l-istess talba attrici, u**

**1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru tnejn u hamsin tas-sena elf disa' mija tnejn u hamsin (52/1952) billi fil-kolonna "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-isem 'Giorgette' jigi sostitwit bl-isem 'Georgette'.**

**Minhabba n-natura ta' din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------